**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 87/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlot Falzon**

Illum is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charlot Falzon**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 315985(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fix-xahar ta' April 2019 u fix-xhur u l-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom, u ċioè vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni BBV 121 liema vettura kienet ġiet

misruqa minn ġewwa l-*Park and Ride* tal-Marsa għad-detriment ta' Pauline Ellul u/jew persuni oħra;

2. fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 267, 279(b) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva, sabitu ħati ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu għoxrin (20) xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza. Finalment, wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas lil Pauline Ellul is-somma ta' sitt elef, tliet mija u ħamsin Euro (€6,350) ratealment b'rati mensili, liema ammont kellu jitħallas fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti wissiet ukoll lill-imputat bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata u dan billi: 1. Tikkonferma l-liberatorja tal-appellant fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva; 2. Tħassarha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħha; u 3. B'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tiġi kkonfermata l-ħtija li tvarja l-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-15 ta' Ġunju 2020.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant allura imputat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mix-xiehda tal-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Roderick Agius** (*a fol.* 7 *et seq.*) jirriżulta li l-*parte civile* Pauline Ellul kienet irrappurtat li ma sabitx il-vettura BMW series 5 ġewwa l-*Park and Ride* tal-Marsa u wara marret tirrapporta li l-vettura kienet għand l-appellant fejn kienet diġa' bdiet titqatta'. Skont l-appellant kien sar tpartit bejn BMW li mhux tajba biex tinstaq u Peugeot 406.

- Fl-istqarrija (Dok. "RA 1" – *a fol.* 10 *et seq.*) l-appellant qal li ċertu Owen kien qallu li l-BMW kienet tajba għall-*parts* biss u kien lest li jintħalaq ftehim ta' tpartit ma' Peugeot 406 li kellu hu (l-appellant). Jgħid li għall-ewwel ma kienx ser jieħu l-BMW għax ma kellux ħin biex iżarmaha iżda l-bejjiegħ

wegħdu li jmur jgħinu. Il-bejjiegħ qatt ma kien ħadlu l-karta tal-i*scrap*. Huwa qal li kien ser jerġa' jgħaqqad il-BMW.

- **PS 274 James Turner** (*a fol.* 18 *et seq.*) ippreżenta r-ritratti ta' kif kien sab il-BMW. Jgħid li l-appellant kien qal li xtraha tliet elef Euro (€3,000).

- **PS 1502 Richard Grech** (*a fol.* 21 *et seq.*) xehed li wara li sarlu rapport fil-5 ta' Marzu 2019 kien għamel l-istħarriġ permezz tas-CCTV tal-*Park and Ride* liema stħarriġ irriżulta fin-negattiv.

- Id-derubata **Pauline Ellul** (*a fol.* 28 *et seq.*) xehdet li kienet għadha qed tħallas il-vettura li kienet xtratha ħdax-il sena qabel u li hija kienet ħallset disgħa u erbgħin elf Euro (€49,000) għall-vettura u tlieta u għoxrin elf (€23,000) għar-reġistrazzjoni. Tgħid li kien ċemplilha ħabib li ra l-vettura tagħha għand l-appellant u tgħid li marret fuq il-post u li sabet il-vettura żarmata. Tgħid li l-appellant kien qalilha li kien ġab il-vettura minn għand ċertu Owen għax kien partatha ma' Peugeot. Tixhed li l-vettura kienet għadha ġdida għax ma kinitx tużaha ħafna u li l-*mileage* kien ftit. Tgħid li l-vettura ma kellhiex daqqiet u li kienet tibża' ħafna għaliha. Tgħid ukoll li kull ma kien hemm girfa fil-*mudguard*. Tispjega li ċ-ċavetta li urieha l-appellant kienet tiftaħ il-vettura biss u li ċ-ċavetta oriġinali kienet għandha.

- L-espert **Mark Micallef** (*a fol.* 40 *et seq.*) stabilixxa li meta l-vettura nxtrat kienet tiswa bejn ħamsa u tletin elf Euro (€35,000) u erbgħin elf Euro (€40,000). Fiż-żmien li xehed jgħid li hija kienet tiswa bejn tnax il-elf u seba' mitt Euro (€12,700) u tlettax il-elf u seba' mitt Euro (€13,700) skont il-kundizzjoni u l-*mileage*. Jgħid li kienet *a low mileage car*.

- **Vanessa Camilleri** (in rappreżentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 89) xehdet li l-vettura BMW 530 bin-numru ta'

reġistrazzjoni BBV 121 kienet reġistrata f'isem id-derubata fit-3 ta' Marzu 2010.

- **Owen Camilleri** (*a fol.* 102 *et seq.*) xehed li kienu tawh BMW u staqsa lill-appellant allura imputat xtaqx ipartat il-Peugeot 406 blue magħha. Jgħid li kien qallu li ma kellux karti u *log book* tal-BMW. Jgħid li kien ġibed il-BMW b'Volkswagen Golf għal għand l-appellant u ġibidha għax ma kellux ċavetta u ma kinitx tistartja. Jgħid li kien għen lill-appellant biex il-vettura tibda tiżżarma. Lil min kien għaddielu l-BMW kien staqsieh għala ried jeħles minnha iżda evita l-mistoqsija. Jgħid li ma kienx jaf li l-vettura kienet misruqa u żied jgħid ukoll li hu kien isewwi l-vettura tiegħu għand l-appellant.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti partikolarment dwar l-element formali. Huwa jikkwota Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jissottometti li skont il-ġurisprudenza:

- l-element materjali tar-riċettazzjoni jikkonsisti filli l-aġent ikun laqa' għandu, xtara jew indaħal biex biegħ jew imexxi oġġett effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi;

- tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist ieħor illeċitu jrid ikun sar minn persuna oħra, ċioè mhux mill-istess persuna li qed tiġi akkużata bir-riċetazzjoni;

- irid ikun ippruvat illi r-riċettatur kien jaf li l-ħaġa illi kienet fil-pussess tiegħu kienet misruqa.

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-ġurisprudenza li kkwotat hi stess. Jgħid li l-Ewwel Qorti qieset ċerti elementi bħal, per eżempju, li Owen Camilleri kien għadu ma ġabx id-dokumenti tal-vettura, il-ħlas baxx magħmul minnu (mill-appellant), li l-vettura ma kellhiex pjanċi tar-reġistrazzjoni u li l-vettura ma kellhiex ċavetta li tista' tinstaq biha. Jgħid pero' li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra ċirkostanzi oħra li jindikaw li hemm nieqes l-element formali. Jgħid li l-*parte civile* Pauline Ellul xehdet li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba sakemm kienet f'idejha iżda meta l-vettura ttieħdet fil-garaxx tiegħu (tal-appellant) din ma kinitx fl-istess kundizzjoni. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq id-depożizzjoni tal-*parte civile* iżda l-fatti juru li Ellul irrapportat il-vettura nieqsa fi Frar 2019 u din inbiegħet f'April 2019. Jargumenta li f'xahrejn u nofs il-vettura għaddiet minn għand Ellul għal terzi mhux identifikati, għal għand Owen Camilleri u mbagħad għandu (l-appellant). Isostni li sakemm waslet għandu mhux bilfors li l-vettura kienet fl-istess stat meta kienet għand il-*parte civile*. Jgħid li mill-fatti ma jidhirx li l-*parte civile* kienet tassew tieħu ħsieb tal-vettura u li kieku ma kinitx ser tħalliha fil-*Park and Ride* għal ħmistax-il jum.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-valutazzjoni magħmula minn Mark Micallef kienet tirrifletti l-prezz f'Jannar 2019 iżda f'xahrejn u nofs kollox jinbidel u issa l-vettura kienet ma taħdimx. Jisħaq li għal kuntrarju ta' dak konkluż mill-Ewwel Qorti, il-bejgħ mertu tal-każ kien tranżazzjoni li ssir bejn nies li jinzertaw xi oġġett li jgħodd għalihom u jiddeċiedu li jieħdu l-okkażjoni. Huwa jagħmel numru ta' mistoqsijiet. Jistaqsi jekk huwiex irregolari li mekkanik jara jinzertax xi vettura li jista' jieħu l-*parts* minnha u jistaqsi wkoll jekk f'dan il-każ ix-xerrej għandux awtomatikament jissusspetta li l-oġġett ġej minn provenjenza illeċita. Jisħaq li huwa qatt ma kellu suspett dwar il-provenjenza tal-vettura u jgħid li hu ħassu ħażin meta sar jaf li l-vettura kienet misruqa. Jgħid li kien hu stess (l-appellant) li nforma lill-Pulizija minn fejn kien xtara l-vettura u l-bejjiegħ qatt ma nfurmah (lill-appellant) li l-vettura ma kinitx akkwistata b'mod leġittimu għaliex lanqas il-bejjiegħ ma kien jaf li kienet misruqa. Jgħid li kieku kien hemm dan is-suspett il-vettura ma kinitx titħalla fil-

*garage* fejn xi ħadd jista' jagħrafha. Isostni li l-element formali ma ġiex ippruvat.

Illi din il-Qorti ser tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju in eżami billi tagħmel riferenza għal ġurisprudenza dwar l-imputazzjoni ta' riċettazzjoni li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tagħha mill-Ewwel Qorti.

Illi skont is-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb et**, din il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-riċettazzjoni ix-xjenza meħtieġa tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza li saret riferenza għaliha fis-sentenza appellata u li ġiet mogħtija fil-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Darren Debono** (Numru 245/2008). Din is-sentenza daħlet sew fl-elementi ta' riċettazzjoni. Hija qalet hekk:

> "Illi skont il-ġurisprudenza sabiex persuna tinstab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiżiti u ċioè:
>
> 1. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor;
>
> 2. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza illeġittima u
>
> 3. fil-mument tal-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza illeġittima tal-oġġett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]; **"Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002]).

L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkużat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-riċettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien ġie ritenut li :-

*"Min jakkwista oġġett taħt ċirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oġġett kellu provenjenza illeġittima, u intant ma jagħmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jagħlaq għajnejh, huwa ħati ta' din in-negliġenza u kwindi ta' riċettazzjoni."*

Ġie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in diżamina ikun jissussisti anki jekk l-akkużat ikun irċeva jew xtara l-oġġett filwaqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li tagħtu dak l-oġġett setgħet ġiet f'pussess ta' dak l-oġġett b'mod illeċitu u b'dana kollu xorta jilqa' għandu jew jixtri tali oġġett mingħajr ma jagħmel xejn biex jivverifika u jaċċerta ruħu li l-pussess ta' dik il-persuna l-oħra kien wieħed leġittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u **"Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998]).

S'intendi x-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; **"Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u oħrajn).

Kif jghid il-KENNY:

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen..<u>Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of</u>*

*circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them*."

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."** [26.8.1998]); it-teorija Ingliża *"of unlawful possession of recently stolen goods"* issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali tagħna, għax in tema ta' *"law of evidence"* il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża. Din it-teorija ma hi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-buon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti, dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

F'dik is-sentenza din il-Qorti ċċitat mill-**Archbold**: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **Cross on Evidence**, 5th. ed., p. 49 (now 8th. ed.., p. 35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because*

> *persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*
>
> *"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* (ara wkoll f'dan is-sens: **"Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs. Richard Spiteri"** [31.8.2006] u oħrajn)."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie kkwotat hawn fuq u tagħmlu tagħha. Fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li m'hemm ebda dubju li l-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni BBV 121 kienet insterqet. Dan is-serq kien ikkonfermat mid-derubata Pauline Ellul li marret tagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija u li fuqha kienet irreġistrata l-vettura. Jirriżulta li kienet ġibditilha l-attenzjoni persuna oħra dwar fejn kienet tinsab il-vettura tagħha li hija sabet diġa' żarmata meta marret fil-garaxx tal-appellant. Apparti dan, jirriżulta wkoll sodisfatt li l-vettura nsterqet minn terzi persuni li baqgħu mhux identifikati.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellant huwa bbażat fuq il-punt li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-element formali tar-reat. Dwar dan din il-Qorti tinnota li mill-istqarrija rilaxxata mill-appellant jirriżulta li meta huwa ra l-BMW din kienet għoġbitu u jirriżulta wkoll li l-għada Owen Camilleri kien ħadlu l-BMW iżda hu (l-appellant) ma kienx ser jeħodha għax ma kellux żmien iżarmaha.

Mill-istess stqarrija jirriżulta li Camilleri offra li jgħin biex tiġi żarmata l-BMW flimkien ma' persuna oħra. Fil-fatt jirriżulta li l-appellant kien partat il-BMW mal-Peugeot 406 tiegħu u huwa kien qed jgħaqqad il-BMW lil sid il-vettura.

Illi għandu jingħad li l-appellant kien talab il-karta tal-i*scrap* lil Camilleri iżda dan ma ħadilux. Dwar dan din il-Qorti tinnota li mid-depożizzjoni ta' Owen Camilleri jirriżulta li kien qal lill-appellant li karti u *log book* ma kellux. Camilleri xehed li l-appellant allura imputat kien talbu għall-karti u għal-*log book* u li hu (Camilleri) avżah minn qabel li ma kellux. Għad-domanda tal-Ewwel Qorti (*a fol.* 105): *"U hu x'qallek imbagħad kif għidtlu li ma kellekx karti?"*, wieġeb: *"Kienet għal right għalih"*. Ta' min jiftakar li l-istess xhud kien qal li ma kellux ċavetta tal-vettura in kwistjoni.

Illi ċ-ċavetta kienet tinsab għand id-derubata li meta marret fil-*garage* tal-appellant daħħlet iċ-ċavetta u startjat il-vettura. Dan jirriżulta minn paġna 4 tar-rapport tal-Pulizija (Dok. "RG" – *a fol.* 23 *et seq.*).

Illi l-appellant jissottomettiet li wieħed jista' jkollu żewġt iċwievet iżda din il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax tilqa' argument bħal dan. L-appellant huwa mekkanik u jidher li ma kienx problema għalih li jingħata l-vettura in kwistjoni meta la ngħata l-karta għall-i*scrap*, la ngħata l-karti u lanqas il-*log book*. Apparti minn dan, l-appellant lanqas ta każ tal-kundizzjoni tajba tal-vettura kif sostniet id-derubata stess għaliex hi kienet tuża l-vettura ftit. Għandu jingħad li jekk vettura tkun għadha f'kundizzjoni tajba ma tantx ser tmur għall-i*scrap* malajr!

Illi minn dak imsemmi hawn fuq l-appellant kellu jieqaf u jaħseb. L-aġir tiegħu ma kienx dak ta' wieħed li għax isib "bargain" jieħdu. L-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ tant hija qawwija li hija turi li kien hemm xi ħaġa ħażina dwar il-provenjenza tal-BMW li l-appellant partat mal-Peugeot. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Ewwel Qorti applikat fis-sentenza tagħha. L-appellant jisħaq li l-espert Micallef ikkonkluda li l-prezz tal-vettura kien dak ta' madwar tlettax il-elf Euro (€13,000) liema figura tirreferi għal Jannar 2019 iżda mhux meta nbiegħet lilu (lill-appellant). L-appellant jissottometti li fi żmien xahrejn u nofs kemm il-*mileage* kif ukoll il-kundizzjoni tal-vettura jinbidlu. Barra dan l-espert ta valur ta' vettura taħdem u mhux ta' waħda li ma taħdimx kif spiċċat il-vettura għandu (għand l-appellant). Jargumenta li l-prezz tal-vettura meta din waslet għandu qatt ma seta' jiġi ppruvat u jargumenta wkoll li huwa qatt ma jista' jkun responsabbli ta' ħsarat li ġarrbet il-vettura qabel din kienet għandu. L-appellant ma jaqbilx mal-kalkolu li sar għal raġunijiet diġa' msemmija. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal x'kienu d-danni li sofriet il-*parte civile* u li għalhekk skont hu l-imsemmija Qorti ma setgħet qatt tagħmel ordni taħt Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-*Probation* għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom *mutatis mutandis* japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun istabet ħatja ta' delitt."

Illi l-appellant ma qabilx mal-istima tal-espert u ssottometta li hu ma setax jinżamm responsabbli tal-ħsarat li saru minn meta nsterqet il-BMW. Dwar dan għandu jingħad li ma tressqet ebda prova għal dawn il-ħsarat u dan fuq l-iskorta tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova. Anzi, skont il-*parte civile* l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba ħafna għaliex hija ma kinitx tużaha ħafna u kellha valur sentimentali għaliha.

Illi l-appellant jirreferi għat-*time frame* ta' xahrejn u nofs bejn meta nsterqet il-vettura u meta nstabet fil-*garage*. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita l-istima ta' bejn tnax il-elf u seba'

mitt Euro (€12,700) u tlettax il-elf u seba' mitt Euro (€13,700) hekk kif mogħtija mill-espert. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti waslet għas-somma ta' sitt elef, tliet mija u ħamsin Euro (€6,350) bħala li għandha titħallas mill-appellant lill-*parte civile*. Din il-Qorti tqis li dan l-ammont huwa wieħed ġust fiċ-ċirkostanzi. B'hekk it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant b'mod sussidjarju jitlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu sabiex hija tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti b'piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern. Dwar din it-talba, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjoni li sabitu ħati tagħha u bl-ebda mod ma jidhrilha li hija għandha tiġi varjata. Huwa ngħata sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż u ngħata wkoll l-ordni li jħallas lill-*parte civile* l-ammont hawn fuq imsemmi fiż-żmien imsemmi fis-sentenza. Dan huwa kollu ġustifikat. L-appellant ġie mogħti l-opportunita' li jagħraf l-iżball li għamel u jagħraf ma jerġgħux jirrepetih. B'hekk anke din it-talba qed tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Charlot Falzon u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini msemmija fiha għandhom jibdew għaddejjin millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**